# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 27 ta' Jannar, 2021.**

**Numru 12**

**Rikors numru 428/10/1 JA**

**Lawrence u Doris konjuġi Gauci u b'digriet tat-12 ta' Diċembru 2016 stante l-mewt ta' Doris Gauci l-atti ġew trasfużi f'isem Lawrence Gauci, Josette Muscat, Mariella Gauci u Carmelino Gauci**

**v.**

**Pacifico Gauci, Mario Gauci, Raymond Gauci, Margaret Chetcuti, Emanuel Chetcuti, Philomena Gauci, Josephine sive Josette Gauci, Anthony Gauci, Joseph Gauci, Perit Paul Camilleri u Dottoressa Fiorella de Marco**

<u>Preliminari:</u>

1. L-atturi għamlu din il-kawża għad-danni li allegatament sofrew wara li tilfu l-użu ta' garaxx u kamra li kienu jgawdu riżultat tal-aġir tal-konvenuti. L-ewwel Qorti caħdet it-talbiet tagħhom:

- fir-rigward tal-konvenuti l-Perit Paul Camilleri, id-Dottoressa Fiorella de Marco u Josephine Gauci laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tagħhom - Art. 2153;

- fir-rigward tal-konvenuti l-oħra, ma ħaditx konjizzjoni tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata minnhom għaliex ma ċċitawx l-artikolu, iżda fil-mertu irriżultalha li l-ebda danni ma ġew pruvati mill-atturi.

Minn tali deċiżjoni l-atturi intavolaw l-appell odjern.

2. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell din il-Qorti ser tirriproduċi s-sentenza appellata:

> "Il-Qorti,
>
> "Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-28 ta' April 2010 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:
>
> "Illi Carmelo Gauci, li jiġi missier l-attriċi Doris Gauci, kellu b'titolu ta' qbiela raba l-Wardija, limiti ta' San Pawl il-Baħar;
>
> "Illi l-istess Carmelo Gauci, ikkonċeda u espressament ippermetta lill-attur sabiex fuq din r-raba huwa jibni garaxx u kamra a spejjez ta' dan tal-aħħar, bil-kundizzjonijiet illi l-attur jibqa' jużahom għall-iskopijiet tiegħu tul ħajtu jew sakemm irid huwa, b'aċċess minn mogħdija;
>
> "Illi di fatti l-attur bena l-garaxx u l-kamra u baqa' jużahom u jgawdihom għall-perjodu ta' madwar (15) ħmistax-il sena;
>
> "Illi missier l-atturi, u senjatament l-imsemmi Carmelo Gauci miet nhar il-15 ta' Marzu 1996;
>
> "Illi nhar il-11 ta' Ġunju 1996, ġie ppubblikat att notarili bejn il-konvenuti u li permess tiegħu l-konvenuti Gauci u Chetcuti rrinunzjaw għal ċerti

drittijiet fuq l-imsemmi garaxx u kamra a favur tal-konvenuti Camilleri u dana ad insaputa tal-atturi li għaldaqstant ġew imfixkla fl-eżerċizzju tat-tgawdija tad-drittijiet tagħhom;

"Illi in forza tal-istess kuntratt, l-atturi ġew spoljati mid-drittijiet tagħhom li jibqgħu jużaw l-imsemmi garaxx u kamra u li jgħaddu mill-mogħdija suċċitata. Għalhekk huma istitwew proċeduri ġudizzjarji fil-konfront tal-konvenuti odjerni Gauci u Chetcuti fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili Ċitazzjoni Numru 2532/1996/1, u li permezz tagħhom huwa talab lill-Onorabbli Qorti:

i. "Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenuti kkommettew spoll a dannu tal-attur bil-pubblikazzjoni tal-att notarili tal-11 ta' Ġunju 1996 li għalih sar riferiment billi neħħewlu l-użu tal-garage u tal-kamra u d-dritt li jgħaddi għalihom;

ii. "Li jiġi spurgat l-ispoll billi l-attur jista' jibqa' juża l-garage u l-kamra u l-aċċess għalihom u dana fi żmien qasir u perentorju li jiġi iffissat mill-Qorti;

"Illi fis-sentenza tagħha tad-9 ta' Frar 2005 (kopja annessa u mmarkata bħala Dok 'A'), li għaddiet in ġudikat, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet il-kawża billi laqgħet *"l-ewwel talba attriċi limitatament għall-garage u għall-mogħdija u ddikjarat illi l-konvenuti kkommetew spoll a dannu tal-attur bil-pubbblikazzjoni tal-att notarili tal-11 ta' Ġunju 1992 billi neħħewlu l-użu tal-garage u l-aċċess għalih*";

"Illi rigward it-tieni talba, madankollu, l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili astjeniet milli tieħu konjizzjoni tagħha stante illi l-bini in kwistjoni, fid-data tas-sentenza, ma kienx għadu jeżisti;

"Illi infatti fil-mori tas-smigħ tal-kawża b'Citazzjoni Numru 2532/1996/1, irriżulta illi l-konvenuti Perit Paul Camilleri u Dottoressa Fiorella de Marco, tramite nies inkarigati minnhom, waqqgħu l-bini de quo;

"Illi f'dan is-sens, nhar id-9 ta' Mejju 2002, l-atturi odjerni intavolaw actio spolii (Prim'Awla – Ċitazzjoni Numru 533/2002/1) fil-konfront tal-konvenuti konjuġi Camilleri, u li permezz tagħha talbu lill-Onorabbli Qorti:

i. "Tiddikjara u tiddeċiedi li l-konvenuti kkommettew spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tal-istess atturi;

ii. "Tikkundanna lill-konvenuti jirrintegraw lill-atturi fil-pussess, godiment u użu tal-imsemmija żewġt ikmamar li minnhom ġew spoljati;

iii. "Tikkundanna lill-konvenuti jirripristinaw l-istess żewġt ikmamar fl-istat originali tagħhom qabel ma sar l-ispoll;

iv. “Tiffissa terminu qasir u perentorju sabiex isiru x-xogħolijiet neċessarji għall-finijiet tad-domanda numru 3;

v. “Tinnomina perit biex taħt id-direzzjoni u sorveljanza tiegħu jsiru l-istess xogħolijiet;

vi. “F’każ illi t-terminu stabbilit jgħaddi inutilment tawtorizza lill-atturi jattwaw l-istess xogħolijiet a spejjez tal-konvenuti;

“Bl-ispejjez kontra l-konvenuti u b’riserva għal kull azzjoni oħra, kompriża dak għad-danni u għas-subizzjoni.

“Illi fis-sentenza tas-26 ta’ Ottubru 2009 (kopja annessa u mmarkata bħala Dok ‘B’), l-Onorabbli Qorti qalet illi “*għalkemm hemm xi dubju jekk l-atturi kellhomx il-pussess fiżiku tal-kmamar, jidher li kien għandhom aċċess għalihom, u jirriżulta mill-provi illi huma kellhom iċ-ċwievet tagħhom fil-mument li twaqqgħu l-kmamar”;*

“Illi di piu, fis-sentenza tagħha, il-Qorti kompliet tgħid li għandu jingħad ukoll li *“mhumiex ġustifikati l-konvenuti jeċċepixxu illi kmamar twaqqgħu fuq ordni ta’ awtorita’ kompetenti għaliex dik l-ordni hija res inter alios acta għallattur u ma tippreġudikalux l-azzjoni tiegħu”;*

“Illi madankollu, din il-Qorti, fit-tieni sentenza ċitata, akkoljiet l-eċċezzjoni tal-konvenuti, u senjatament illi l-*actio spolii* hija perenta għaliex irriżulta illi l-kmamar twaqqgħu (u allura l-ispoll sar) fis-7 ta’ Marzu 2002 filwaqt illi l-azzjoni ġiet intavolata fid-9 ta’ Mejju 2002, u għaldaqstant illiberat lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju;

“Illi għaldaqstant l-atturi għandhom żewġ deċiżjonijiet ġudizzjarji li tnejn jistabbilixxu illi huma kellhom il-pussess tal-kmamar in kwistjoni u li seħħew żewġ azzjonijiet spoljattivi fil-konfront tagħhom u senjatament 1) il-pubblikazzjoni tal-att notarili tal-11 ta’ Ġunju 1996 da parti tal-konvenuti Gauci u Chetcuti, u 2) it-twaqqiegħ tal-kmamar in kwistjoni da parti tal-konvenuti konjuġi Camilleri nhar is-7 ta’ Marzu 2002;

“Illi fiċ-ċirkostanzi u għal raġunijiet differenti, kif diġa’ indikat iktar ’il fuq, l-atturi ma jistgħux preżentement jużufruwixxu mill-imsemmija sentenzi jekk mhux merament bħala dikjarazzjoni u affermazzjoni tal-aġir li sar a detriment tagħhom;

“Illi l-atturi għandhom interess dirett, attwali u leġittimu illi wara s-sentenzi tad-9 ta’ Frar 2005 u tas-26 ta’ Ottubru 2009, huma jottjenu dikjarazzjoni illi l-aġir tal-intimati jew min minnhom ikkawża danni lill-atturi u li għaldaqstant il-konvenuti għandhom ikunu kkundannati għall-ħlas ta’ dawn id-danni versu l-atturi, liema dikjarazzjoni hija neċessarja, prevja akkoljiment minn din l-Onorabbli Qorti ta’ din il-kawża, għall-intavolar ta’ proċeduri opportuni għal-likwidazzjoni u kundanna għall-ħlas tal-istess kontra l-konvenuti jew min minnhom; Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża; Illi l-atturi jafu b’dawn il-fatti personalment;

"Għaldaqstant, jgħidu għalhekk il-konvenuti għalfejn dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni, provvediment u ordni neċessarja u opportuna:

1. "Tiddikjara u tiddeċiedi illi konvenuti jew min minnhom ikkawżaw "u huma responsabbli għall-ħlas ta' danni versu l-atturi;

"Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni.

"Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

<u>"Rat ir-risposta ġuramentata preżentata mill-konvenuti Pacifico Gauci, Mario Gauci, Raymond Gauci u Margaret Chetcuti fil-31 ta' Mejju 2010 fejn eċċepew</u>:

1. "Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

2. "Illi mingħajr preġudizzju din l-azzjoni hija preskritta skond il-Liġi;

3. "Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni suesposta, din l-azzjoni hija irrita u vessatorja għall-aħħar stante li l-mertu diġa' ġie deċiż fis-sentenza referenza 2532/1996 fl-ismijiet "Lawrence Gauci vs Pacifico Gauci et" per Imħallef N. Cuschieri;

4. "Illi wkoll mingħajr preġudizzju l-konvenut Pacifico Gauci b'testment tas-7 ta' April 2003, ommu Giovanna mart Carmelo Gauci kienet ħalliet bħala prelegat fi proprjeta' assoluta lilu l-kmamar fis-sit u fl-area tal-proprjeta' mertu ta' din il-kawża, u dan kif deskritt aħjar fit-tieni artikolu tal-istess testment li jaqra hekk: *"It-testatriċi qed tħalli b'titolu ta' prelegat fi proprjeta' assoluta lil binha Pacifico żewġt ikmamar li huma maqtugħin minn mad-dar tagħha fil-Wardija jisimha Carmel House, f'Safsafa Road il-Wardija fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar liema żewġt ikmamar għandhom aċċess separat minn Trig is-Safsafa u huma tal-kejl ta' circa tlieta u erbgħin punt erbatax metri kwadri (43.14 m.k.) kif ukoll porzjoni diviża ta' art quddiem l-imsemmija żewġt ikmamar, tal-kejl ta' circa din il-porzjoni ta' (71.93 m.k.) wieħed u sebgħin punt tlieta u disgħin metri kwadri kif tidher fuq il-pjanta hawn annessa markata dokument "A", u dan avolja t-testatriċi taf illi l-proprjeta' mhux kollha tagħha u għalhekk dan hu prelegat di cosa altrui*", u l-istess attriċi Mary Doris sive Doris mart l-attur Lawrence Gauci resqet għall-kuntratt tal-immissjoni fil-pussess fit-30 ta' Mejju 2009 meta ġie dikjarat b'mod assolut li hi fost il-werrieta l-oħra nklużi l-konvenuti Mario Gauci, Raymond Gauci u Margret Chetcuti, resqet u għamlet l-immissjoni fil-pussess tal-legati kollha mħollija fit-testment imsemmi meta Giovanna mart Carmelo Gauci, "*ħalliet b'titolu ta' prelegat lil binha Pacifico Gauci żewġt ikmamar li huma maqtugħin minn maddar tagħha fil-Wardija, jisimha Carmel House f'Safsafa Road il-Wardija, limiti ta' San Pawl il-Baħar, liema żewġt ikmamar għandhom aċċess minn triq is-Safsafa u huma*

*tal-kejl ta' circa tlieta u erbgħin punt wieħed erbgħa metri kwadri (43.14 m.k.) kif ukoll porzjoni diviża ta' art quddiem l-imsemmija żewġt ikmamar tal-kejl ta' circa wieħed u sebgħin punt disgħa tlieta metri kwadri (71.93 m.k.). Ittestatriċi ddikjarat illi hija kienet taf illi permezz ta' din id-dispożizzjoni testamentarja hija kienet qegħda tagħmel legato di cosa altrui iżda xorta waħda hija riedet u ordnat illi dan il-legat jiġi eżegwit fl-intier tiegħu*", u għalhekk aktar u aktar it-talba tal-atturi hija infondata u irrita;

5. "Illi l-eċċezzjoni suesposta tapplika b'mod intier ukoll fil-konfront tal-konvenuti l-oħra Raymond Gauci, Mario Gauci u Margaret Chetcuti;

6. "Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

"Bl-ispejjeż kontra l-atturi li minn issa qed jiġu nġunti għas-subizzjoni.

"Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti Pacifico Gauci, Mario Gauci, Raymond Gauci u Margaret Chetcuti u l-lista tax-xhieda.

<u>"Rat ir-risposta ġuramentata preżentata mill-Perit Paul Camilleri u Dottoressa Fiorella de Marco fis-6 ta' Awissu 2010 fejn eċċepew:</u>

"FATTI

1. "Illi l-fatti dikjarati mill-attur fl-ewwel ħames paragrafi tad-dikjarazzjoni attriċi huma riservati billi l-esponenti ma huwiex edott bl-arranġamenti li kienu saru bejn il-membri tal-familja Gauci;

2. "Illi l-fatti kif dikjarati fil-ħames u sitt paragrafi tad-dikjarazzjoni attriċi huma kontestati billi l-esponenti ma kkawżaw ebda spoll fil-konfront tal-attur;

3. "Illi l-fatti dikjarati mis-seba' sat-18-il paragrafu tad-dikjarazzjoni attriċi ma humiex fatti iżda sottomissjonijiet legali liema sottomissjonijiet huma fi kwalsiasi każ kontestati;

4. "Illi għandu jingħad fi kwalunkwe każ li l-esponenti ma kkawżaw ebda dannu lill-attur billi pretenzjonijiet fuq il-kamra llegali li kienet tinsab f'għalqa li kienet ġiet akkwistata minnhom, liema kamra ġiet demolita fuq ordni tal-Awtorita' ta' Malta għall-Ambjent u l-Ippjanar peress li ma kienitx koperta bil-permessi meħtieġa skond il-liġi.

"EĊĊEZZJONIJIET

1. "Illi t-talbiet attriċi huma preskritti bid-dekors tat-terminu ta' sentejn stabbilita għad-danni derivanti min-negliġenza taħt l-art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili;

2. "Illi l-azzjoni odjerna, in kwantu hija bażata fuq deċiżjonijiet

mogħtija fid-9 ta' Frar 2005 u fis-26 ta' Ottubru 2009 li kienu t-tnejn kawżi ta' spoll, hija nfondata fil-liġi stante li azzjoni ta' danni ma hijiex kompatibbli ġuridikament u ġudizzjarjament mal-azzjoni tal-ispoll u konsegwentement ma tistax tistrieħ fuq dikjarazzjoni magħmula fl-azzjoni ta' spoll stante li eżami tal-kawżali ta' kawża tad-danni jinħtieġ neċessarjament eżami tad-drittijiet u obbligazzjonijiet tal-partijiet fil-kawża, b'dan li tali eżerċizzju neċessarjament immur lil hinn mir-rekwiżiti tal-azzjoni ta' spoll, li tistħarreġ biss fuq l-element possessorju u mhux fuq drittijiet ta' natura petitorja;

3. "Illi ulterjorment id-deċiżjoni mogħtija tad-9 ta' Frar 2005 li fuqha wkoll tistrieħ l-azzjoni odjerna hija *res inter alios acta* fil-konfront tal-esponenti u għalhekk it-talbiet attriċi kif indirizzati lilhom huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

4. "Illi l-esponenti ma kkawżaw ebda dannu lill-atturi;

5. "Illi l-atturi ma sofrew ebda dannu (i) kemm għaliex il-fond in kwistjoni ma kienx munit bil-permessi u għaldaqstant kull użu li kien qiegħed isir kien kontra l-liġi u ċ-ċaħda ta' frott illegali ma jista' qatt jagħti lok għall-kawża għad-danni, (ii) kif ukoll għaliex l-atturi ma kien jagħmel ebda użu mill-kamra de quo ħlief li biha jittanta jfixkel it-tgawdija tal-għalqa da parti ta' ħutu;

6. "Illi fi kwalsiasi każ il-garage u l-kamra twaqqgħu fuq ordni mill-Awtorita ta' Malta għall-Ambjent u l-Ippjanar peress li kienu mibnija mingħajr permess u għaldaqstant l-atturi ma jistgħux jivvantaw jeddijiet jew jippretendu kumpens għal danni mingħand l-esponenti meta ma hemm ebda rabta bejn l-imsemmi twaqqiegħ u d-danni allegatament imġarrba millatturi;

7. "Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom;

8. "Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.

"Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti l-Perit Paul Camilleri u Dottoressa Fiorella de Marco u l-lista tax-xhieda.

"Rat l-atti proċesswali;

"Rat l-affidavits u semgħet il-provi;

"Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Ġunju 2015 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza bil-fakolta' tan-noti;

"Ikkunsidrat:

"**PRESKRIZZJONI**

"Illi kif ġja' ngħad, il-Qorti trid tiddeċiedi l-ewwel jekk lazzjoni attriċi ġietx preskritta skond l-artikolu 2153 ġja' ċitat, kif qed jeċċepixxu l-konvenuti konjuġi Camilleri. Il-konvenuti l-oħra għalkemm eċċepew il-preskrizzjoni ma ndikawx liema artikolu qed jinvokaw; iżda aktar tard filproċeduri, il-konvenuta Josephine Gauci tat ruħha b'notifikata u aderixxiet mal-eċċezzjoni (fol 50).

"Illi l-artikolu 2153 jgħid illi:

> ***"2153**. L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn.*"

"Illi fil-fatt fil-kawża "**Maria Pace pro et noe vs Joseph Abela**"[1], il-Qorti qalet illi: "*Għall-finijiet ta' preskrizzjoni, il-liġi u l-ġurisprudenza jiddistingwu tliet kwalitajiet ta' danni:*

> *1. "Dawk li jiġu minn reati vera u proprji, jiġifieri minn fatti li huma punibbli kriminalment, f'dan il-każ li preskrizzjoni Ċivili hija dik tal-azzjoni kriminali.*
>
> *2. "Dawk li jiġu minn fatti li la huma reati u lanqas ma huma inadempjenza kuntrattwali: f'dan il-każ il-preskrizzjoni applikabbli hija ta' sentejn; u*
>
> 3. *"Dawk li jidderivaw minn inadempjenza kuntrattwali; f'dan il-każ hija applikabbli l-preskrizzjoni tal-istess obbligazzjoni."* Il-Qorti rriteniet dawn il-prinċipji wkoll f'diversi kawżi oħra in partikolari "**Giuseppa Camilleri et vs Dr. F Frendo**"[2], "**Scicluna vs Tracey**"[3], "**Bugeja vs Baldacchino**"[4] , "**Dr. Amadeo Fava vs Giuseppa Bonnici**"[5] u "**Joseph Bugeja vs Anthony Falzon pro et noe**"[6] 6

"Illi ma hemmx dubju lli l-azzjoni li minnha qed jilmentaw latturi fil-konfront tal-konjuġi Camilleri seħħet fis-7 ta' Marzu 2002 kif tindika kjarament is-sentenza fil-kawża ta' bejniethom deċiża minn din il-Qorti (inċidentalment kif preseduta) fl-2009. Għalhekk indubbjament il-perjodu preskrittiv relattiv kien għadda ampjament meta ġiet intavolata din il-kawża fl-2010. L-argument tal-atturi huwa li ma setgħux jaġixxu qabel għaliex kienet għaddejja l-kawża ta' spoll imsemmija.

"Illi l-Qorti tal-Appell riċentement (fis-26 ta' Ġunju 2015) kellha okkażjoni tiddelibera fuq dan il-punt fil-kawża flismijiet "**Francis Spiteri et vs Charles Darmanin et**" u waslet għall-konklużjoni illi f'sitwazzjoni simili, il-perjodu preskrittiv xorta jibda għaddej minn meta jseħħ l-azzjoni li allegatament tkun wasslet għad-danni subiti mill-attur:

---

[1] Qorti tal-Kummerċ, 21 ta' Mejju 1993
[2] Vol. XII, pg 144
[3] Vol. XVII.I.151
[4] Vol. XXI.I.529
[5] Vol. XXIX.II.581
[6] 16 ta' Frar 1984

> *"Illi jingħad ukoll li tant id-dottrina kemm il-ġurisprudenza lokali stabbilew li din il-preskrizzjoni tibda tgħaddi u timxi mill-jum li fih ikun ġara l-fatt illeċitu li minnu jidderiva ddannu u mhux mill-jum meta l-parti leża tiġi taf bih (ara Appell 30 ta' Mejju 1952, "***Carmelo Micallef vs Brigadier John Belle McCance***", Vol. XXXVI-I-133; Appell 22 ta' Ġunju 1900, "***Scicluna nomine vs Trany nomine et***"; Kummerc 31 ta' Jannar 1935, "***Michele Mifsud vs Eugenia Buhagiar***", Vol. XXIX-III-92; Pugliese, Parte II, La Prescrizione Estintiva, para. 63; Laurent, Dto. Civile, Vol. XXXII, para. 15; Baudry, Vol. XXVIII, Prescrizione, para. 380) ..." "Billi fil-każ tal-culpa aquiliana, il-preskrizzjoni tibda tiddekorri minn meta jiġri l-fatt illecitu u mhux minn meta l-parti tiġi issir taf bil-fatt, il-preskrizzjoni fost raġunijiet oħra tinkiser b'att ġudizjarju ppreżentat f'isem is-sid jew kreditur innotifikat lil parti l-oħra li kontra tagħha wieħed irid ma jħallix timxi l-preskrizzjoni u li minnu jkun jidher ċar illi s-sid jew il-kredituri bi ħsiebhom iżommu ljedd tagħhom (artikolu 2128 tal-Kap. 16)."*

"Illi aktar 'il quddiem il-Qorti qalet illi taqbel ma' dak li kienet qalet l-ewwel Qorti u ċjoe' illi:

> *"Japplika wkoll il-prinċipju li l-preskrizzjoni ma tiddekorrix meta persuna tkun impeduta jew imwaqqfa milli taġixxi fil-każ fejn l-eżerċizzju ta' azzjoni proċesswali tiddependi minn pronunzjament ieħor u allura ma jistax jiddekorri l-perjodu preskrittiv ("***Xuereb vs Zammit***", App Kumm 09/03/1994). Din l-aħħar sentenza qalet hekk: "... meta tkun sentenza tal-Qrati li toħloq id-dritt ta' azzjoni, isegwi, illi l-azzjoni ġudizzjarja tista' tinbeda biss wara dik is-sentenza u li, wkoll, minn dik id-data tista' tibda tiddekorri l-preskrizzjoni. Mentri meta sentenza tkun sempliċiment dikjaratorja ta' x'kienet il-pożizzjoni ġuridika korretta qabel beda l-proċediment, allura, huwa daqstant ieħor ċar li tali sentenza m'għandha ebda rilevanza la għal meta l-azzjoni tal-kreditur setgħet tiġi intavolata u konsegwentement, għad-data li minnha bdiet tiddekorri l-preskrizzjoni."*

"**Għalhekk l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni fir-rigward tal-konjuġi Camilleri u l-konvenuta Josephine Gauci jistħoqqilha li tiġi milqugħa.**

"**IL-KONVENUTI L-OĦRA**

"Illi l-konvenuti l-oħra għalkemm eċċepew il-preskrizzjoni ma ċċitawx l-artikolu in kwistjoni u allura din il-Qorti in linea ma ġurisprudenza kostanti ma tistax tieħu konjizzjoni ta' din l-eċċezzjoni.

"Illi huwa prinċipju akkolt sew fil-ġurisprudenza tagħna illi "*min ifittex għad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuża izda li dak l-istess att jew ommissjoni għandhom konnessjoni ta' kawża u effett mad-danni sofferti*" (**Kollezz. Vol XXX pIII p142).**

"Illi mill-provi jirriżulta abbondantament illi l-atturi ma kellhom ebda titolu biex jokkupaw l-ambjenti li qed jilmentaw li tneħħewlhom. Huwa minnu li kellhom **pussess** li ġie sanċit mill-Qorti iżda b'daqshekk ma jfissirx li kellhom xi dritt ta' proprjeta' fuqhom. Jirriżulta in fatti li permezz tat-

testment ċitat mill-konvenuti Gauci u Chetcuti, illi l-ambjenti in kwistjoni tħallew lilhom u addirittura fl2009 saret l-immissjoni fil-pussess anke mill-attriċi nnifisha.

"Illi l-fatt li l-Qorti fis-sentenza bejn dawn il-partijiet iddikjarat li sar spoll fil-konfront tal-atturi kien ifisser li dawn kellhom dritt għar-reintegrazzjoni fil-pussess. Ma jfissirx ukoll li sofrew id-danni u mill-provi prodotti ma jirriżultax li fil-fatt l-atturi sofrew xi danni. L-istess attur fl-affidavit tiegħu a fol. 53 ma jsemmi li sofra ebda danni; jgħid biss illi xorta baqa' *mingħajr il-kmamar, il-garaxx u l-mogħdija li kellu u kien igawdi għaliex twaqqgħu f'Marzu 2007*. Fin-nuqqas ta' prova li fil-fatt l-atturi sofrew xi danni il-Qorti ma tistax naturalment tilqa' t-talba tagħhom għaliex **min jallega jrid jipprova** jew –"***Onus probandi incumbit qui dicit non ei qui negat***" kif jgħid ċar u tond l-artikolu 562 tal-Kodiċi tal-Proċedura u kif ġie ripetut diversi drabi f'diversi sentenzi ("**Dr H. Lenicker vs J. Camilleri**", Prim Awla 31 ta' Mejju 1972 u "**Peter Paul Aquilina vs Paul Vella**", Appell Inferjuri, 2 ta' Mejju 1995).

"**DEĊIŻJONI**

"**Għal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konjuġi Camilleri u l-konvenuta Josephine Gauci u tiddikjara preskritta l-azzjoni kontra tagħhom; tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti l-oħra u kwindi tiċħad it-talba attriċi.**

"**Bl-ispejjeż kontra l-istess atturi.**"

## Rikors tal-Appell (16.11.2015) tal-atturi Lawrence Gauci (348649M), Josette Muscat (392972M), Mariella Gauci (444375M) u Carmelino Gauci (143879M):

12. L-atturi ħassew ruħhom aggravati bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti u għalhekk interponew dan l-appell minnha, fejn talbu lil din il-Qorti biex tirrevoka s-sentenza appellata, billi tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni imressqa mill-konvenuti appellati u konsegwentement tirrimanda l-atti quddiem l-ewwel Qorti sabiex tiġi deċiża fil-mertu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellati.

13. L-ilment tal-atturi fil-fatt jikkonċerna l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni li ġiet miċħuda mill-ewwel Qorti. Jargumentaw li għalkemm il-garaxx u l-kamra twaqqgħu fis-7 ta' Marzu 2002 minn persuni nkarigati mill-konvenuti l-Perit Paul Camilleri u d-Dottoressa Fiorella de Marco, it-terminu preskrittiv ta' sentejn (abbażi tal-Artikolu 2153) beda jiddekorri mhux minn tali data iżda minn wara li ġiet deċiża l-kawża 553/2002, cioe` fis-26 ta' Ottubru 2009. Isostnu li t-terminu preskrittiv ta' sentejn fil-fatt jiskadi fis-26 ta' Ottubru 2011 u li allura meta intavolaw l-azzjoni odjerna fit-28 ta' April 2010 din bl-ebda mod ma kienet preskritta.

14. Jargumentaw illi l-azzjoni ta' spoll li intavolaw fid-9 ta' Mejju 2002 ma kinitx waħda sempliċiment dikjaratorja iżda waħda possessorja intiża biex tiġi msewwija l-ħsara li twettqet bl-aġir spoljattiv kontrihom. Jenfasizzaw li l-*actio spolii* ma tissussistix biss f'sempliċi dikjarazzjoni ta' x'kienet il-pożizzjoni qabel l-att spoljattiv iżda tinkludi wkoll rimedju sabiex il-pussessur ikun jista' jerġa' jgawdi l-istess oġġett.

15. Ifakkru li huwa stabbilit fil-ġurisprudenza nostrana li azzjoni ta' spoll u azzjoni għad-danni huma inkompatibbli u jargumentaw li huwa loġiku li biex huma jirrikavaw id-danni sofferti, l-ewwel kellhom jintavolaw l-azzjoni ta' spoll u mbagħad, wara li tispiċċa tali kawża, jgħaddu għal azzjoni għad-danni sofferti minnhom.

16. Jirreferu għall-insenjament tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża **Philip Grima v. Casfen Construction Ltd** (deċ. 28.11.2008), li jsostnu li hija "*simili ferm*" għal din odjerna, fejn ġie ritenut:

> *"illi fil-fehma tal-Qorti fil-każ in eżami l-preskrizzjoni relattivament għat-talba għad-danni għandha tibqa' minn wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell u dana għaliex għalkemm id-dritt għad-danni kien jeżisti indipendentement mill-azzjoni għas-spoll preżentata mir-rikorrent, kien biss wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell li dawn id-danni saru eżiġibbli u likwidabbli."*

17. Iżidu jgħidu wkoll li r-reintegrazzjoni fil-pussess ta' min sofra l-ispoll mhux rilevanti għall-fini tas-suċċess ta' kawża għad-danni għaliex iż-żewġ rimedji huma separati u distinti minn xulxin. Jaċċennaw għall-fatt li fis-sentenza tas-26 ta' Ottubru 2009, il-qorti kienet ikkonfermat li kienu sofrew spoll, anke jekk imbagħad ċaħdet it-talbiet tagħhom minħabba li l-azzjoni saret jumejn wara li għaddew ix-xahrejn rikjesti għall-intavolar tal-azzjoni.

**<u>Risposta tal-Appell (19.01.2017) tal-konvenuti l-Perit Peter Paul Camilleri (24555M) u d-Dottoressa Fiorella de Marco (381059M):</u>**

18. Il-konvenuti l-Perit Peter Paul Camilleri u d-Dottoressa Fiorella de Marco wieġbu biex jgħidu għaliex l-appell għandu jiġi miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellanti.

19. In linea preliminari u fl-ewwel lok, l-imsemmija konvenuti appellati jissollevaw id-deżerzjoni tal-appell odjern ai termini tal-Artikolu 963 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Jaċċennaw għall-fatt li l-appell kien ġie ppreżentat fir-reġistru tal-Qrati Superjuri fis-16 ta' Novembru 2015 u notifikat lilhom fit-2 ta' Jannar 2017, cioe` għaddiet 'il fuq minn sena.

20. Kwantu għall-aggravju mertu tal-appell (cioe` dwar il-preskrizzjoni ai termini tal-Art. 2153) jagħmlu riferenza għall-Artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:

> *"Bla ħsara ta' dispożizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss."*

u jsostnu li l-azzjoni setgħet tiġi eżerċitata mill-mument li twaqqa' l-bini tal-kmamar illegali eżistenti. Jgħidu li huwa prinċipju magħruf f'materja ta' preskrizzjoni li t-terminu tal-preskrizzjoni tad-dritt għal riżarċiment tal-ħsara minħabba fatt illeċitu jiddekorri mill-mument li fih il-ħsara timmanifesta ruħha esternament u ssir oġġettivament preċepibbli u magħrufa, u li għall-atturi dan kien fis-7 ta' Marzu 2002, tmien snin qabel ma nfetħet il-kawża odjerna u allura 'l fuq mis-sentejn li jsemmi l-Artikolu 2153.

21. Kwantu għall-argument tal-atturi appellanti fis-sens li ma setgħux

iressqu l-proċeduri odjerni qabel ma tiġi definittivament deċiża l-kawża ta' spoll, isostnu li huwa inkorrett għaliex it-test huwa wieħed oġġettiv u mhux soġġettiv. Jenfasizzaw li ma kien hemm l-ebda impediment legali li jżomm lill-atturi milli jipproċedu b'ittra ġudizzjarja debitament notifikata, u dan sabiex ma tiddekorrix il-preskirzzjoni.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

**L-Artikolu 963 u d-deżerzjoni:**

22. Il-konvenuti Camilleri u de Marco jsostnu li l-appell tas-16 ta' Novembru 2015 għandu jiġi dikjarat deżert a tenur tal-Artikolu 963 tal-Kap 12 billi huma ġew notifikati bir-rikors tal-appell fit-2 ta' Jannar 2017 u allura wara li kienet għaddiet sena.

L-Artikolu 963 jaqra hekk:

> (1) "Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) u tal-artikoli 416 u 420, il-proċedura bil-miktub[7], f'kull kawża, għandha tiġi magħluqa, fil-qorti tal-ewwel grad, fiż-żmien perentorju ta' sitt xhur, u, fil-qorti fi grad ta' appell, fiż-żmien perentorju ta' sena.
>
> (2) "Fil-qorti tal-ewwel grad, iż-żmien jibda għaddej minn dak in-nhar tal-preżentata tar-rikors ġuramentat, u, fil-qorti fi grad ta' appell, minn dak in-nhar tal-preżentata tar-rikors tal-appell għat-tħassir jew tibdil tas-sentenza appellata.
>
> (3) "Jekk, ukoll jekk ikunu għaddew iż-żminijiet perentorji msemmijin fis-subartikolu (1), jinsab li l-proċeduri bil-miktub f'kawża m'humiex

[7] Art 146(1): Il-proċedura bil-miktub quddiem il-qorti fi grad ta' appell titqies magħluq bit-tweġiba għar-rikors, u fin-nuqqas ta' tweġiba, bl-egħluq taż-żmien mogħti għaliha.

magħluqa, il-qorti għandha għal darba waħda biss tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa sabiex l-istess proċeduri jingħalqu kemm jista' jkun malajr u sabiex jiġi evitat illi l-kawża tmur deżerta minħabba f'xi nuqqas ta' notifika jew minħabba f'xi nuqqas ta' twettiq ta' xi proċedura jew formalità.

"(3A) Id-deżerzjoni ta' kawża għandha tiġi dikjarata b'digriet mogħti fil-qorti bil-miftuħ jekk, wara li jkunu ngħataw l-ordnijiet imsemmijin fis-subartikolu (3), il-proċeduri bil-miktub jibqgħu ma jingħalqux.

"(4) B'dak kollu li hu miġjub fis-subartikolu (3), il-proċeduri bil-miktub għandhom jitqiesu magħluqa kemm-il darba l-parti, li ma tkunx ġiet innotifikata b'att meħtieġ għall-egħluq tal-proċess, tidher waqt is-smigħ tal-kawża u ma tagħtix l-eċċezzjoni li l-proċeduri bil-miktub ma ġewx magħluqa u tgħaddi jew xjentement tħalli lil ħaddieħor jgħaddi għal atti oħra bla ma tagħti dik l-eċċezzjoni.

"(5) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 732(2), kawża, li l-proċeduri bil-miktub tagħha ma jiġux magħluqa, minkejja l-ordnijiet mogħtija mill-Qorti skont is-subartikolu (3), fiż-żmien hawn fuq imsemmi:

(a)"meta l-kawża tkun quddiem qorti tal-ewwel grad, din għandha titqies bħala kawża li tkun tqegħdet fuq il-lista ta' kawżi għas-smigħ u li sussegwentement b'ordni tal-qorti, tkun tħalliet għal data mhux speċifikata, u d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 964 sa 967 għandhom ikunu japplikaw għaliha; u

(b)"meta l-kawża tkun quddiem qorti tat-tieni grad, din għandha titqies bħala kawża deżerta.

"(6) Bid-deżerzjoni ta' kawża fil-qorti tal-ewwel grad il-proċediment jispiċċa iżda ma jispiċċax il-jedd għall-azzjoni. Fil-qorti fi grad ta' appell, bid-deżerzjoni jispiċċa l-appell, u s-sentenza appellata ssir ġudikat."

23. Fil-każ in kwistjoni ma kienx il-każ fejn il-qorti abbażi tas-sub-inċiż (3) tat xi ordnijiet biex il-proċeduri bil-mitkub jiġu magħluqa, u wisq anqas allura ma kien il-każ li tali ordnijiet ma ġewx segwiti; għalhekk m'hemmx lok li l-kawża tiġi dikjarata bħala deżerta ai termini tas-sub-inċiż (3A). Ara *in subiecta materia* **Ray Vella v. George Mifsud**, (App Civ 30/05/2014).

**Sfond:**

24. Qabel ma tgħaddi biex tikkonsidra l-aggravju tal-atturi appellanti jkun opportun li ssir referenza għar-retroxena tal-proċeduri odjerni.

25. Jiġi spjegat li l-attriċi Doris Gauci nee Gauci, hija waħda minn tmint aħwa[8], ilkoll ulied Carmelo Gauci u martu Giovanna nee Gauci. F'xi żmien, żewġha l-attur Lawrence Gauci kien bena garaxx u kamra fuq art fil-Wardija li fuqha Carmelo Gauci, (missier martu Doris), kellu titolu ta' qbiela. Carmelo Gauci miet fil-15 ta' Marzu 1996 iżda xi snin qabel kien qaleb il-qbiela tal-għelieqi li kellu fuq uliedu.

26. Din il-Qorti tagħmel aċċenn għas-segwenti fatti:

18.12.1995 Paul Camilleri u martu Fiorella de Marco xtraw biċċa art il-Wardija u minn riċerka li għamlu l-Għammieri sabu li kienet imqabbla lil erbgħa mill-aħwa Gauci: Pacifico, Mario, Raymond u Margaret mart Emanuel Chetcuti.[9]

11.06.1996 Ġie ffirmat kuntratt fl-atti tan-nutar Pierre Cassar bejn (i) minn naħa waħda l-perit Paul Camilleri u martu Fiorella de Marco u (ii)

[8] It-tmint aħwa Gauci huma: Carlo, Pacifico, Doris mart Lawrence Gauci, Anthony, Mario, Margaret mart Emanuel Chetcuti, Joseph, u Raymond.
[9] Skont l-affidavit tagħhom, fol 76-77

min-naħa l-oħra l-imsemmija erba' aħwa Gauci, in-nisa/rġiel rispettivi tagħhom u ommhom Giovanna (usufruttwarja), fejn dawn tal-aħħar irrinunzjaw għal kull jedd li kellhom jew seta' kellhom fuq raba li tinkludi l-kamra u garaxx in kwistjoni.[10]

08.08.1996 Lawrence Gauci intavola azzjoni ta' spoll (**2532/1996**) fl-ismijiet: **Lawrence Gauci v. Pacifico Gauci, Mario Gauci, Raymond Gauci, Margaret Chetcuti, Emanuel Chetcuti, Philomena Gauci, Josephine sive Josette Gauci u Giovanna Gauci** fejn talab li jiġi dikjarat li l-kuntratt notarili tal-11 ta' Ġunju 1996 jikkostitwixxi spoll fil-konfront tiegħu billi tneħħielu l-użu tal-garaxx u kamra u d-dritt li jgħaddi minnhom, u biex jiġi spurġat tali spoll billi jkun jista' jibqa' juża l-garaxx u kamra u l-aċċess għalihom.

07.03.2002 Fil-mori tal-kawża 2532/1996, il-garaxx u kamra ġew demoliti minn nies inkarigati mill-perit Paul Camilleri u martu Fiorella de Marco. (Camilleri u de Marco xehdu li x-xahar ta' qabel kienu rċevew *enforcement notice* mill-Awtorita` tal-Ippjanar sabiex ineħħu l-bini illegali li kien hemm).

09.05.2002 Lawrence Gauci u martu Doris intavolaw azzjoni ta' spoll (**533/2002**) fl-ismijiet: **Lawrence u Doris miżżewġin Gauci v. Perit Paul**

[10] Skont l-affidavit tagħhom, fol 76-77

**<u>Camilleri u Dottoressa Fiorella Camilleri</u>** fejn talbu li jiġi dikjarat li t-twaqqigħ taż-żewġt ikmamar jikkostitwixxi spoll kontrihom u biex il-konvenuti jiġu ordnati jirripristinawhom għall-istat oriġinali tagħhom.

09.02.2005 <u>Ġiet deċiża l-kawża ta' spoll nru 2532/1996</u>. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (NC) irriżultalha li Lawrence Gauci ipprova li kellu l-pussess tal-garaxx u l-mogħdija li taċċedi għalih (iżda mhux ukoll tal-kamra) u għalhekk laqgħet l-ewwel talba limitatament għall-garaxx u aċċess għalih, in kwantu kkonkludiet li l-att notarili jammonta għal spoll fil-konfront ta' Lawrence Gauci għaliex tneħħielu l-użu tal-garaxx u l-aċċess għalih; madanakollu stante li sad-data tas-sentenza l-garaxx kien laħaq twaqqa', astjeniet milli tilqa' t-tieni talba.

26.10.2009 <u>Ġiet deċiża l-kawża ta' spoll nru 533/2002</u>. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (JA) irriżultalha li Lawrence u Doris Gauci kellhom tal-inqas il-ko-pussess tal-kmamar (*possedisse*), u li twaqqigħ tagħhom, anke jekk fuq ordni ta' awtorita` kompetenti ma tiġġustifikax l-aġir tal-konvenuti (*spoliatum fuisse*); madanakollu kkonkludiet li l-azzjoni tfalli fuq it-tielet rekwiżit (*infra bimestre deduxisse*) għaliex saret wara li kienu għaddew xahrejn mit-twaqqigħ.

28.04.2010 Lawrence u martu Doris intavolaw l-azzjoni odjerna (**<u>428/2010</u>**) fl-ismijiet **<u>Lawrence u Doris konjuġi Gauci v. Pacifico</u>**

**<u>Gauci, Mario Gauci, Raymond Gauci, Margaret Chetcuti, Emanuel Chetcuti, Philomena Gauci, Josephine sive Josette Gauci, Anthony Gauci, Joseph Gauci, Perit Paul Camilleri, Dottoressa Fiorella de Marco</u>** fejn (abbażi tal-fatt li fiż-żewġ kawżi ta' spoll ġie deċiż li kellhom il-pussess tal-kmamar in kwistjoni[11]) talbu li jiġi dikjarat li l-konvenuti jew min minnhom ikkawżaw u huma responsabbli għall-ħlas ta' danni.

28.10.2015 <u>Ġiet deċiża l-kawża (odjerna) għad-danni nru 428/2010.</u> Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talbiet. Hija kkonkludiet li:

(i) fir-rigward tal-konvenuti Paul Camilleri u Fiorella de Marco li ssollevaw il-preskrizzjoni skont l-Artikolu 2153 (u Josephine Gauci li iktar tard tat ruħha b'notifikata u aderixxidet mal-imsemmija eċċezzjoni) l-azzjoni <u>hija preskritta;</u>

(ii) fir-rigward tal-konvenuti l-oħra (li għalkemm issollevaw ukoll il-preskrizzjoni ma ċċitawx l-artikolu u għalhekk ma ħaditx konjizzjoni ta' tali eċċezzjoni),<u> fil-mertu ma ġiex pruvat li l-atturi sofrew xi danni</u> bit-twaqqigħ tal-garaxx u kamra għaliex ma kellhom l-ebda titolu biex jokkupawhom.

**<u>L-aggravju tal-atturi dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni</u>**

[11] Għalkemm fir-rigward tal-ewwel kawża ta' spoll (kif fuq spjegat) instab li l-pussess kien biss fir-rigward tal-garaxx u l-aċċess għalih u mhux ukoll għall-kamra

27. L-atturi appellanti jilmentaw li l-ewwel Qorti kienet żbaljata meta laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni skont l-Artikolu 2153 u kkonkludiet li l-azzjoni hija preskritta (dan kien fir-rigward ta' Paul Camilleri, Fiorella de Marco u Josephine Gauci). Kif fuq spjegat, l-argument tal-atturi appellanti hu li l-azzjoni tagħhom għad-danni ma setgħetx tiġi intavolata qabel ma ġiet deċiża t-tieni kawża ta' spoll (428/2010), cioe` fis-26 ta' Ottubru 2009, u li għalhekk il-perjodu ta' sentejn stabbilit fl-Artikolu 2153 kellu jiddekorri minn tali data, u mhux minn meta l-kamra u garaxx in kwistjoni twaqqgħu fis-7 ta' Marzu 2002.

28. Din il-Qorti fl-ewwel lok tinsab ferm perplessa bil-fatt li l-atturi appellaw biss minn dik il-parti tas-sentenza rigwardanti l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u mhux ukoll minn dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti tat ir-raġunijiet tagħha għaliex fil-mertu l-azzjoni tal-atturi għad-danni hija infondata. Anke kieku għall-grazzja tal-argument kellu jirriżulta li l-ewwel Qorti kienet żbaljata in kwantu irriżultalha li l-azzjoni hija preskritta fil-konfront ta' Paul Camilleri, Fiorella de Marco u Josephine Gauci, <u>jibqa' l-fatt li fir-rigward tal-konvenuti l-oħra astjeniet li tqis l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tagħhom (għax ma ġiex ċitat l-artikolu) u effettivament daħlet fil-mertu fejn irriteniet</u>:

> "Illi mill-provi jirriżulta abbondantement illi l-atturi ma kellhom ebda titolu biex jokkupaw l-ambjenti li qed jilmentaw li tneħħewlhom. Huwa minnu li kellhom pussess li ġie sanċit mill-Qorti iżda b'daqshekk ma jfissirx li kellhom xi dritt ta' proprjeta` fuqhom. …….Illi l-fatt li l-Qorti fis-sentenza

> bejn dawn il-partijiet iddikjarat li sar spoll fil-konfront tal-atturi kien ifisser li dawn kellhom dritt għar-reintegrazzjoni fil-pussess. Ma jfissirx ukoll li fil-fatt l-atturi sofrew xi danni. L-istess attur fl-affidavit tiegħu a fol 53 ma jsemmi li sofra l-ebda danni, jgħid biss li xorta baqa' mingħajr il-kmamar, il-garaxx u l-mogħdija li kellu u kien igawdi għaliex twaqqgħu f'Marzu 2007. Fin-nuqqas ta' prova li fil-fatt l-atturi sofrew xi danni il-Qorti ma tistax naturalment tilqa' t-talba tagħhom…."

29. Għalhekk ladarba l-atturi appellanti ma appellawx ukoll fir-rigward ta' dik il-parti tas-sentenza rigwardanti l-mertu fil-konfront tal-konvenuti l-oħra, jiġi li d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti fil-mertu (cioe` li ma jirriżultaw l-ebda danni) huwa gia deciz, u jikkostitwixxi ġudikat u għalhekk ma jagħmilx sens li l-atturi jitolbu li din il-Qorti:

- tħassar is-sentenza
- tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, u
- tirrimanda l-atti sabiex il-kawża tiġi deċiża fil-mertu.

30. Għalhekk dan l-appell huwa wieħed monk u ta' ebda utilita` għall-atturi għaliex ma jista' qatt iwassal biex l-atturi appellanti eventwalment jiksbu sentenza favorevoli għalihom fil-mertu.

31. Għal kull buon fini, għandu jingħad li l-aggravju tal-atturi dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni huwa fi kwalunkwe każ infondat. Il-preskrizzjoni ta' sentejn bdiet tiddekorri mit-twaqqigħ tal-kamra u garaxx (cioe` l-fatt illeċitu lamentat mill-atturi) u mhux mis-sentenza tat-tieni kawża ta' spoll. Evidentement l-atturi għamlu t-tieni kawża ta' spoll bil-

għan li jottjenu sentenza li tordna lill-konvenuti Camilleri u de Marco jirripristinaw il-kmamar (ossia garaxx u kamra). Ġara li minkejja li rriżulta li l-atturi kellhom il-pussess tal-kmamar, l-azzjoni tagħhom ma wasslitx għall-eżitu li xtaqu, għaliex ma għamluhiex *entro termine*; kien għalhekk li mbagħad intentaw din l-azzjoni għad-danni. Iżda mbagħad kien tard wisq għaliex is-sentejn mit-twaqqigħ tal-kamra u l-garaxx kienu ilhom li skadew, u l-atturi ma kienu għamlu xejn biex jinterrompu l-preskrizzjoni bil-mezzi ġudizzjarji appożiti.

32. B'riferenza għas-sentenza rigwardanti l-kawża fl-ismijiet **Philip Grima v. Casfen Construction Ltd** (deċiża mill-Prim'Awla (GV) fit-28.11.2008) ċitata mill-atturi appellanti in sostenn tat-teżi tagħhom, fejn ġie ritenut li d-dritt għad-danni saru eżiġibbli u likwidabbli wara l-kawża ta' spoll, għandu jiġi ppreċiżat li ċ-ċirkostanzi ma kienu xejn "*simili ferm*" għal dawk odjerni. F'tali kawża ċitata, id-danni pretiżi kienu riżultat tal-fatt li l-konvenuti ma kinux irripristinaw l-ispoll kommess minnhom <u>minkejja ordni tal-qorti f'dak is-sens</u>. Fil-fatt il-Qorti fil-kawża għad-danni suċitata kienet kompliet tispjega hekk: (din il-parti, l-atturi appellanti odjerni konvenjentement ma ċċitawhiex)

> *"Infatti kieku l-intimati kkonformaw ruhhom mas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, ma kienx ikun hemm lok ghad-danni li r-rikorrent qed ighid li qed isofri ghax kienu jkunu gew rimedjati definittivament. Izda f'dana l-kaz, wara s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell l-intimati baqghu ma rremedjawx u d-danni komplew jaggravaw ruhhom. Kien f'dan l-istadju meta kien hemm is-sentenza ta' l-Appell li l-preskrizzjoni tad-danni bdiet tiddekkorri…."*

33. In vista tas-suespost, l-aggravju tal-atturi jirriżulta infondat.

**DECIDE**

34. Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-appell tal-atturi u tikkonferma l-konklużjoni tal-ewwel Qorti. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-istess atturi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm